31996D0106

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Jannar 1996

li temenda d-Deċiżjonijiet 94/187/KE, 94/309/KE, 94/344/KE, 94/446/KE, 95/341/KE u 95/343/KE li jistabbilixxu l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali u l-attestazzjoni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti u li temenda d-Deċiżjoni 95/340/KE li tistabbilixxi lista proviżorja ta' pajjiżi mhux membri li minn għandhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet tal-ħalib u prodotti tal-ħalib

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(96/106/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet għas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fi u l-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għall-imsemmija rekwiżiti speċifikati fir-regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A(I) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE u, għar-rigward ta' *pathogens*, tad-Direttiva 90/425/KEE ([1]) skond kif emendata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/103/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 paragrafu 2(ċ) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq ta' ħalib mhux proċessat, ħalib trattat bis-sħana u prodotti li l-bażi tagħhom hu l-ħalib ([3]), skond l-aħħar emendi permezz ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja u b'mod partikolari fl-Artikoli 23(2) u (3) tiegħu,

Billi d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 94/187/KE ([4]), 94/309/KE ([5]), 94/344/KE ([6]) u 94/446/KE ([7]), skond l-aħħar emendi permezz tad-Deċiżjoni 95/230/KE ([8]), rispettivament stabbilew il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u l-attestazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet minn pajjiżi mhux membri ta' *animal casings*, ċerti ikel ta'l-annimali domestiċi prodotti mhux ikkunzati li jittieklu minn annimali domestiċi, li għandhom materjali ta' riskju żgħir, proteini proċessati ta' l-annimali inklużi prodotti li jkollhom din il-proteina maħsuba għall-konsum ta' l-annimali, u, għadam u prodotti ta' l-għadam, qrun u prodotti tal-qrun u dwiefer u prodotti tad-dwiefer għal aktar proċessar mhux maħsuba għall-konsum ta' l-annimal u l-bniedem; billi d-Deċiżjoni 95/230/KE emendat dawn id-Deċiżjonijiet billi pprovdiet għat-tħaddim tagħhom mit-2 ta' Frar 1996;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/340/KE ([9]) tistabbilixxi lista proviżorja ta' pajjiżi mhux membri li mingħandhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijet tal-ħalib u prodotti li l-bażi tagħhom hu l-ħalib; billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/341/KE ([10]) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u l-attestazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-ħalib u prodotti li l-bażi tagħhom hu l-ħalib, mhux maħsub għall-konsum tal-bniedem; Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/343/KE ([11]) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u l-attestazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-ħalib u prodotti li l-bażi tagħhom hu l-ħalib għall-konsum tal-bniedem; Billi d-data tat-tħaddim ta' dawn id-Deċiżjonijiet hi t-2 ta' Frar 1996;

Billi jidher li pajjiżi mhux membri mhux ser ikunu kapaċi li jaderixxu mal-kundizzjonijiet ġodda ta' importazzjoni sa dik id-data; billi sabiex ikunu evitati d-disturbi fil-kummerċ, hu meħtieġ li tkun posposta d-data tat-tħaddim ta' dawk id-Deċiżjonijiet;

Billi d-Deċiżjonijiet 94/187/KE, 94/309/KE, 94/344/KE, 94/446/KE, 95/340/KE, 95/341/KE u 95/343/KE għandhom ikunu għaldaqstant emendati;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 94/187/KE, id-data tat-"2 ta' Frar 1996" hi mibdula bl-"1 ta' Jannar 1997".

Artikolu 2

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 94/309/KE, id-data tat-"2 ta' Frar 1996" hi mibdula bl-"1 ta' Jannar1997".

Artikolu 3

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 94/344/KE, id-data tat-"2 ta' Frar 1996" hi mibdula bl-"1 ta' Jannar1997".

([1]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
([2]) ĠU L 24, tal-31.1.1996, p. 28.
([3]) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 1.
([4]) ĠU L 89, tas-6.4.1994, p. 18.
([5]) ĠU L 137, ta' l-1.6.1994, p. 62.
([6]) ĠU L 154, tal-21.6.1994, p. 45.
([7]) ĠU L 183, tad-19.7.1994, p. 46.
([8]) ĠU L 154, tal-5.7.1995, p. 19.
([9]) ĠU L 200, ta' l-24.8.1995, p. 38.
([10]) ĠU L 200, ta' l-24.8.1995, p. 42.
([11]) ĠU L 200, ta' l-24.8.1995, p. 52.

Artikolu 4

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 94/446/KE, id-data tat-"2 ta' Frar 1996" hi mibdula bl-"1 ta' Jannar1997".

Artikolu 5

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 95/340/KE, id-data tat-"2 ta' Frar 1996" hi mibdula bl-"1 ta' Mejju 1996".

Artikolu 6

Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 95/341/KE, id-data tat-"2 ta' Frar 1996" hi mibdula bl-"1 ta' Mejju 1996".

Artikolu 7

Fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 95/343/KE, id-data tat-"2 ta' Frar 1996" hi mibdula bl-"1 ta' Jannar1997".

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Jannar 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni